# GHAT-TIELET CENTENARIU
## Tal Erezioni tal Cnisia
PARROCCHIALI TAL IMKABBA

FIL FESTA SOLENNI TAL GLORIUSA ASSUNZIONI

## TAL BEATA VERGINI MARIA
FIS-SENA TAL 1898.

GIABRA TA NOTIZII



MALTA—1898.

Stamperia «Mifsud» It triek ta Sant' Orsla N. 62, il Belt.

# GIABRA TA NOTIZII FUK IL PARROCCIA TAL IMKABBA

Il Cnisia Parrocchjali tal Imkabba chienet ghal l' euuel unghakda mal Cnisia Matrici ta Birmiftuh. Fil 5 ta Frar tal 1575 il poplu ta dan ir-rahal deher kuddiem Mons. Duzzina (li chien fil qualità ta Delegat Inquisitur, u Visitatur Apostolicu) u talbu li jaghmlilom Parroccia gdida, o inchella ghall' inkas jaghmlilom Vicariu Curat minhabba il boghod li chellom biex imorru fil Cappella ta Birmiftuh Parroccia tahhom.

Uara il meut tal Cappillan ta Birmiftuh Don Bartolomeo Mangion fi zmien li il Parroccia chienet vacanti, l' Iskof Mons. Fra Tommaso Gargallo meta ra u gharaf il gbir bzon li emm minhabba il boghod li chellom ta quasi tliet mili, fid 29 ta Meiju tal 1592 ghazel mil Matrici ta Birmiftuh il Cnisia ta Hal Chircop, ta l' Imkabba u ta Hal Safi, u ghamilom Parroccia ghalihom u taghom phala Cappillan gdid tahhom lis Sac. Don Carlu Taliana.

Uara li chien gia ha pussess il gdid Cappillan, l' abitanti ta l' Imkabba u ta Hal Safi regghu mil gdid talbu lil Iskof Mons. Gargallo biex jissoctau taht il Parroccia Matrici fein ureuh il gbir dispiacir li ihossu meta icollom ihallu il kobra tal antenati tahhom, u fli stess hin il gbira somma ta flus li ghandom bzon, biex jibnu Cnisia gbira ghalihom ; il ghalech l' imsemmi Iskof min banda l' uahda ma riete ihassar il ghazla li ghamel, u fli stess hin ried jissodisfa ixxeukat tahhom b' degriet tal 24 ta Jannar 1593, ordna li il Cappillan il gdid Don Carlu Taliana, ghandu imur jesercita il cura spirituali fil Cnisia Matrici ta Birmiftuh, u li iz-zeug Cappillani ghandom jamministrau is-Sagramenti lil Parrucciani tahhom, u li ghandom icollom cul uiehed muftieh tal Cnisia, tat-Tabernaculu, tal Fonti tal Maghmudia u tas-Sacrestia.

Dauc l' abitanti ta l' Imkabba dejjem mixtiekin li icollom Parroccia u Cappillan ghalihom, il ghalech ghazlu phala rappresentanti tahhom, lis-sur Bascal Spiteri, Zanu Cassar, Censu Magro, Bartilmeu Magro, Matteu Magro, Laurenz Zammit u Salvu Zammit, fein dauna ghamlu petizioni lil Mons. Gargallo, fl' attiet tan-Nutar Sac. Dun Guan Debono, Cancellier tal Curia ta l' Iskof, fis 16 ta Settembru 1595 talbuh u ueghduh li chem il darba hua jiddegna ruhu jaghmlilom Cappillan ghalihom fil Cnisia tal Assunzioni ta Maria Vergini li tinsab f' dan ir-rahal, u jaghmilha Parroccia, huma

annom tal poplu collu ta l' Imkabba, jobligau ruhhom li ihalsu cul sena l' ispejjes ghal-lampa li tixghel kuddiem Gesù Sagramentat u l' ispejjes biex izommu Cappillan. Ghalech il Papa Clemente VIII ghat-talb ta Mons. Gargallo, ghazel fis 16 ta Settembru tal 1598, mil Matrici ta Birmiftuh, il Cnisia ta l' Imkabba, u ghamila Parroccia ghaligha, taht it-titolu tal Assunzioni ta Maria Vergini.

Fil bidu tal erezioni tahha, il funzioniet parrocchiali damu isiru ghal bosta snin fil Cnisia ta San Basiliu u bakghu isiru sachemm spicciat ghal collox il pesta li chienet ghamlet uisk hsara fis-sena 1676.

Il Cnisia il kadima tal Assunzioni ta Maria V. chienet mibnija a spejjes ta Michiel Zammit, chien fiha hames altari (il quadri tahhom jinsabu fis-Sacrestii) u giet imgiarrfa uara li lestu il Cnisia il gdida li geuua fiha chienet maghluka.

Il Cnisia tal-lum giet mibnia a spejjes tal poplu bl' impenn tal Cappillan Dr. Don Anglu Mallia, u tad-deputati tal fabbrica li chienu is-Sac. Don Dumincu Zammit, Don Arcanglu Zammit u il Chiericu Gio Andria Zammit, taht id-direzioni ta Mastru Mariu u ta ibnu Gio Maria Briffa, colla min dan ir-rahal u spicciau fis-sena 1689. L' iscoltura tal prospettivi tal altari colla saret b' xein, mil Chiericu Frangisch Gauci, u fl' 1895 giet compluta mil cumplament ta l' iscultura (igifieri fil guarniciun u fl' arcati) min Mastru Uenzu Montibello. Il capitelli geu miziuda min Mastru Paul Xuereb, taht id-direzioni tal Professur Nicol Zammit. Dina il Cnisia chienet consagrata min Mons. Fra Giovanni Carmine Pillerano, fil 20 ta Mejju tal 1774 u assegnala phala giurnata anniversaria tahha, leuuel Hadd li jigi uara l' ottava tal festa ta S. Pietru Paul. Dina chienet iccònsagrata a spejjes tas-Sac. Dr. Carlu Zammit u halla ucoll, biex dina il festa cul sena issir bi gbira solennità' a spejjes tighu. Fis-Sacrestia jinsab ir-ritratt ta edan is-Sacerdot, li miet fis 7 ta Jannar tal 1795.

Dina il Cnisia hia sabieha u esatta fil helua architettura tahha, hia ta ordni jonicu, taht sura ta Salib latin u fiha 10 altari. Ticconsisti fil cor, f' zeug cappelluni u f' corsia, u ma gemb il cor imzeina b' zeug Sacristii; lahhar uahda li tinsab fix-xellug tal cor, hia sabieha, tant ghal architettura, chem ucoll ghal cundita' tahha, giet mibnia fl' 1750. Dina il Cnisia hia tuila 114 il pied, uiesgha fil cappelluni 77, u fin navi 24 u nofs. Hia imghottia b' coppla, li fl'1897 chienet

imzeina b' pittura tal Professur Filippu Venuti, min Ruma, li inghogbot uisk, u tippresenta l' Incoronazioni tal Gran Vergini Maria fis-Sema mit-tliet Persuni Divini. Ma gemb il coppla jinsab il campnar imzejjen b' hames kniepel. Il gbira saret mill' imghalmin Giacchinu u Frangisch Trigance chif jider fl' attiet tan-Nutar Filippu Giammalva, fit 13 ta Settembru 1789 a spejjes tal poplu, bl' impenn tal Cappillan Caraffa. It-tieni uahda saret min Mru. Giulian Cauchi a spejjes tas-Sur Filippu Borg, fis-sena 1876, u l' ohrain a speijes tal poplu, tnein minnom mill' istess imghallem Giulian, u l' ohra kadima.

Dina il Cnisia fis-sena 1895 chienet inviata, raffinuta u misbugha b' culuri adattati u indorata min Mastru Frangisc Coleiro, fein issa dehret bic-ciar u spiccat il maestria tal uniformi architettura tahha. Fl' unetti tal coppla, l' istess Professur Venuti pingia l' erbgha Evangelisti li tant inghogbu ghal idea sabieha u gdida tahhom, u daun saru, uihed a spejjes tal Imhallef Pullicino, uihed min Mariannu Briffa, uihed min Innocenzu Camilleri u l' iehor min Giusepp Caruana u min Andrea Galea.

Jinsab f dina il Cnisia il Corp. Sant ta S. Innocenzu Martri, estratt mic-Cimiteriu ta S. Laurenz ta Ruma u moghti lil dina il Cnisia min Mons. Pellerano, b' rescritt tal 3 ta Settembru 1779. Is-solenni traslazioni tighu, saret fl' 24 ta Ottubru tal 1779, mil Cnisia ta Ham-Milleri.

F' dina il Cnisia jinsabu eretti tliet Congregazioniet. Uahda tas-SSmu. Sacrament, maghmula fis-sena 1600; it-tieni tar-Rusariu, imghakda ma dic ta S. Maria f' Ruma fis-sena 1634, u l' ohra tal Immaculata Concezioni, aggregata fl' Lugliu 1775 mal Arciconfraternita tal Immacolata Concezioni, li tinsab fil Cnisia ta S. Laurenzin Damaso f' Ruma. Il Congregazioni tal Agonia chienet maghmula min Mons. Fra Davide Cocco Palmieri fl' 1710, u il Congregazioni tal Arcanglu S. Michiel fl' 1852. Jinsab ucoll Corp Sodaliziu taht il Patrocinju ta S. Giusepp. Dan hua compost mis-Sacerdoti tal Imkabba u tal Crendi flimchien (fl' antic chien compost ucol mis-Sacerdoti taz-Zurriek, ta Hal Chircop u ta Hal Safi), maghmul fis-26 ta Dicembru 1675, irristaurat min Mons. Fra Paolo Alpheran De Bussan, b' decriet tal 4 ta Marzu 1751. Dan hua imzejjen b' hafna privilegii u grazii, fost l' ohrain il Papa Benedettu XIV fil 31 ta Ottubru 1755 icconcieda li l' altar icun deijem privileggiat fil kuddies li

isir ghal meitin congregati, u l' Iskof Alpheran b' decriet tat 18 ta Settembru 1751, icconcieda il colletta fil kuddiesa ghal congregati morda, u l' indulgenza ta 40 giurnata lil congregati colla li jassistu fil funzioniet spirituali ta' edina il Congregazioni.

F' dina il Cnisia jinsabu zeug quadri preziusi, tant ghal pittura chem ucol ghal guernic baroc tahhom. Uihed jir-rappresenta it-tieg ta Santa Caterina Vergini u Martri, hua impingi fuk il ghouda fl' iscola ta Raffaello. Daun geu moghtia mis-Sac. Gregoriu Schembri, u illum jinsabu imkiegh-din fin-navi fuk il bieb li jati ghal barra. Fost l' oggetti ta pregiu li jinsabu f' din il Cnisia, jixrak li insemmu il quadru tal Assunta tal Professur Venuti, maghmul a speijes tas-Sac. Dun Saly Schembri, fis-sena 1897; il pulptu mahdum min Mastru Saver Oliva mill' Isla, a spejjes tas-Sac. Dun Euge-niu Mallia u ta Pietru Paul Galea fis-sena 1897; l' istatui tal Assunta maghmula fis-sena 1836, tal B. V. Maria taht it-titolu tal Gigliu, tas-Sultana tal Kalb Imkazza ta Gesù maghmula f' Marsiglia a spejjes ta Mons. P. Paul Pullicino u ta Lourdes bil caxxa tahha a spejjes tal benefattur Mastru Innocenziu Zammit.

F' dan ir-rahal fis-sena 1575 igifieri fil visita ta Mons. Duzzina chienu jinsabu tmien Cnejjes zghar. 1o. Il Cnisia principali ta San Basiliu, 2o. ta San Michiel, 3o. ta Santa Caterina V. u M., 4o. ta S. Pietru, 5o. tal-Lunziata, 6o. ta Santa Maria (illum imbiddla f' Parroccia), 7o. ta S. Maria (illum imbiddla fil Cnisia tad-Duluri ta M. V.) 8o. u il Cni-sia tal Visitazioni ipprofanata min Mons. Duzzina.

Illum ma bakax hlief erbgha cneijes zghar; uahda ta San Basiliu Iskof u Duttur tal Cnisia, mibnia fi tliet darbiet, leuuel biccia mibnia fis-sena 1486 u lahhar biccia fl' 1515; it-tieni ta San Michiel Arcanglu, mibnia fis-sena 1669; it-tielet ta Santa Catarina Vergni u Martri, li f' Auissu tal 1764 il Cappellan Tortella phala delegat min Mons. Rull, kighed leuuel gebla tahha u tahta difen biccia mid-dem ta S. Candidu Martri, biccia mil ghadam ta S. Agnese u Co-lumba vergni martri, u medaglia tal Apostli S. Pietru u S. Paul, u nhar Lapsi, fit 12 ta Mejju 1774 l' istess Cappillan Tortella bil permess ta Mons. Pellerano bierec dina il Cni-sia u kaddes figha solennement, fein uara canta, *Te Deum* b' ringraziament, ir-raba il Cnisia ta S. Maria li chienet mib-nia fis-sena 1680. Abbandonata dina il Cnisia, l' Iskof Mat-

tei icconcediha lil Assessur tighu Dr. Giovanni Schembri, fein dan irrangiaha u biddilgha taht it-titolu tad-Duluri ta Maria Vergni. Dina il Cnisia illum hia giuspadronata mil Imhallef Pullicino.

F' cul leuuel giurnata tas-sena, f' dan ir-rahal issir processioni generali ta penitenza. Fit-triek titcanta il-Latania il gbira u jinvistau tliet cneijes, tad-Duluri, ta S. Caterina u ta S. Basiliu, fein f' cul cnisia uara li titcanta l' Antifona u l' Orazioni propria tal Cnisia, il Cleru u imbaghad il poplu igheidu b' vuci ghalja ghal tliet darbiet «*Misericordia*». Meta jaslu f' San Basiliu titcanta kuddiesa solenni tal giurnata, uara l' Evangeliu isir discors, u fl' Elevazioni il Cleru u il poplu jergghu igheidu ghal tliet darbiet «Misericordia». Uara il kuddiesa il processioni targia tmarcia lein il Cnisia Parrocchiali, fein fit-triek jitcanta it-Te Deum b' ringraziament. Meta l' Imkabba chienet ghada soggetta lein il Matrici ta Birmiftuh, il processioni chienet titlak mil imsemmia Matrici u tigi f' din il Cnisia ta S. Basiliu. Dina il processioni hia antica uisk u jissoponu li hia maghmula ghal xi helsa ta xi gbira pesta, il ghaliex din l' imsemmia Cnisia, fein fil bidu tahha chienet iddedicata lil Vergni Maria, ziedu imbaghad fil quadru iz zeug protetturi tal pesta, igifieri S. Basiliu u S. Roccu.

---

## CAPPILLANI TAL IMKABBA

1. M. R. Dun Guan Mizzi chien elett min Mons. Gargallo fl' 1598, fis-sena 1603 chien promos ghal canonicu tal Catidral u miet fl' 1621.

2. M. R. Dun Pietru Pace mill' Imkabba maghzul min Mons. Gargallo u riegia il Parroccia, min Settembru tal 1604 sal 1633.

3. M. R. Dun Andria Farrugia mill' Imkabba. Ha pussess fis 27 ta Frar tal 1634 u miet fit 12 ta Ottubru tal 1663 u difnuh f' din il Cnisia.

4. M. R. Dun Dumincu Pace, maghzul min Mons. Bologuer fl' 4 ta Novembru 1663 u miet attaccat bil pesta, fit 23 ta Mejju tal 1676. Chien mitfun fil Cnisia ta S. Basiliu.

5. M. R. Dr. Dun Anglu Mallia mill' Imkabba, maghmul

min Mons. Astiria fit 22 ta Lugliu 1676. Miet ġoptu fis 26 ta Jannar tal 1690, f' nofs il piazza (fein illum jinsab is salib tal gebel) xhin chien kighed jithaddet mal haddiema tal fabbrica tal Cnisia fuk l' incertezza tal meut: Bl' impen ta dan il Cappillan u tas Sac. Domenicu Zammit, Sac. Arcanglu Zammit u tal Cheu Gio: Andrea Zammit deputati tal fabbrica, chienet mibnia il Cnisia Parrocchiali presenti.

6. M. R. Don Enricu Cuscheri mil Imdina. Riegia il Parroccia mil 1690 sal 1711.

7. M. R. Dr. Don Giacomo Casha mill' Isla Duttur fit Teologia u fil ligi. Riegia il Parroccia mil 24 ta April tal 1712 sat 30 ta Dicembru 1719. Imbaghad mar cappillan in Naxar u miet fid 9 ta Settembru tal 1745.

8. M. R. Don Gio: Paolo Zammit mghazul min Mons. Cannaves u ha pusses f' Settembru tal 1720 u miet fit 28 ta Ottubru 1756.

9. M. R. Dr. Don Michiel Giacomo Tortella min Bormla, mghamul min Mons: Alpheran. Riegia il Parroccia mis 6 ta Frar tal 1757 sal 1787 imbaghad mar Cappillan iz Zeitun u miet fit 28 ta April 1802.

10. M. R. Don Luigi Bartolomeo Caraffa mghamul min Mons. Labini, Riega il Parroccia mit 22 ta Ottubru 1787 sal 25 ta April 1802. Imbaghad chien mehud Canonicu tal Cattedral u miet fis 7 ta Giugnu tal 1832. Il Cappillan Caraffa chien uiehed mir-rappresentanti tal Congres Nazionali fil blocc tal Francisi fl' 17.9.

11. M. R. Don Stefano Zerafa. Ha posses min Mons. Labini fis 16 ta Giugnu 1803 u miet fis 17 ta Ottubru 1829 u difnuh f'din il Cnisia.

12. M. R. D. Saveriu Galea mil Gharb ta Ghaudex fein chien Canonicu. Riegia il Parroccia min Frar tal 1831 sa Settembru 1833 imbaghad mar Hal-Lia.

13. M. R. Dr. Don Tumas Agius Caruana. Ha posses taht Mons: Caruana fit 3 ta Novembru 1833 sas 7 ta Settembru 1849 fein chien sar Canonicu tesorier ta Bormla u miet fis 27 ta Jannar 1879 u difnuh l' Imkabba.

14. M. R. Dr. Don Salvatore Zerafa mir Rabat ta l'Imdina. Chien elett min Mons: Sant u ha pusses fit 30 ta Settembru 1849. Fil 15 ta Ottubru 1850, halla il Parroccia u sar Canonicu collegiali tal Grotta ta S. Paul tar Rabat u miet fil 15 ta Ottubru 1854.

15. M. R. Don Gio. Maria Vella min Hal Kormi. Chien elet min Mons: Sant u ha pusses fit 22 ta Dicembru 1850. Fit 28 ta Dicembru 1853 sar Cappillan Haz Zabbar.

16. M. R. Don Vicens Schembri min Hal Luka. Chien elet min Mons: Sant u ha posses fl' 4 ta Marzu 1854 u fl' 1863 sar Cappillan fil Parroccia taz Zurriek.

17. M. R. Don Franciscu Vella miz Zurriek. Chien elet min Mons: Pace Forno u ha posses fl' 10 ta Mejju 1863. Fl' 24 ta April 1893 chien promos ghal Canonicu tal Cattedral.

18. M. R. Don Carm Bugelli min Bormla. Ha posses fis 26 ta Marzu tal 1894 u f' Dicembru tal 1895 ha pusses ta Canonicu tal Colleggiata ta Bormla.

19. M. R. Don Calcedonio Schembri. Ha posses fis 6 ta Giugnu 1896.

---

## ELENCU TAL PROCURATURI TAL CNISIA PARROCCHIALI TAL IMKABBA

Mil 15 ta Settembru 1598 sal 1603. Il Cappillan Don Guan Mizzi

Mil 1603 sal 1618 Is sur Pasquale Spiteri.

Mil 1618 sal 1630 Is Sac. Andrea Farrugia.

Mil 1630 sal 1642 Is Sur Laurenz Zammit.

Mil 1642 sal 1660 Is Sac. Don Anglu Mallia

Mil 1660 sal 1668 Is Sur. Pasquale Zammit

Mil 1668 sal 1679 Is Sac Don Valeriu Zammit

Mil 1679 sat 30 ta Dicembru tal 1686 Is Sac Don Anglu Mallia

Mil 1 ta Jannar sal 30 ta Ottubru tal 1690, is-Sac. Don Domenico Zammit u is Sur Gio. Domenico Xicluna.

Mil 1 ta Novembru 1690 sad 9 ta Nov. 1692—Is-Sur Gio Domincu Xicluna u is-Sac. Don Gio Andrea Brancati.

Mil 10 ta Nov. 1692 sal 31 ta Dic. 1694—Is-Sac. Dun Gregoriu Schembri u is-Sac. Arcanglu Zammit.

Mil 1 ta Jannar 1695 sat 12 ta Auuissu 1697—Is-Sac. Don Gio Dumincu Magri u is-Sur Giacobinu Sammut.

Mit 13 ta Auissu 1697 sas 16 ta Settembru 1702—Is-Sac. Dun Gio Dumincu Magri u mastru Andrea Schembri.

Mis 17 ta Sett. 1702 sas 27 ta Sett. 1704—Is-Sac. Dun Gio Dumincu Mifsud u is-sur Giacobinu Sammut.

Mit 28 ta Sett. 1704 sal 20 ta Ott. 1708—Is-Sac. Dun Gio Dumincu Mifsud u is-Sur Carlu Zammit.

Mil 21 ta Ott. 1708 sat 2 ta Lugliu 1709—Is-Sac. Dun Gio Dumincu Mifsud u is-Sur Matteolu Zammit.

Mit 3 ta Lugliu 1709 sal 4 ta Lugliu 1711—Is-Sac. Dun Andrea Brancati u is-Sur Chiercu Carlu Zammit.

Mil 5 ta Lugliu 1711 sas 6 ta Jannar 1713—Is-Sac. Dun Andrea Brancati u is-Sur Chiercu Pasquale Zammit.

Mis 7 ta Jannar 1713 sas 16 ta Giugnu 1725—Is-Sac. Gio Dumincu Mifsud u is-Sur Chiercu Pasquale Zammit.

Mis 17 ta Giugnu 1725 sal 25 ta Mejju 1729—Is-Sac. Dun Stiefnu Agius—is-Sur Guan Schembri u Mastru Carlu Mifsud.

Mis 26 ta Mejju 1729 sad 29 ta Lugliu 1739—Is-Sur Pasquale Zammit u is-Sur Guan Schembri.

Mit 30 ta Lugliu 1739 sad 29 ta Jannar 1751—Is Sur Guan Schembri.

Mit 30 ta Jannar 1751 sad 9 ta Frar 1753—Is-Sac. Dun Luca Zammit—Is-Sur Maruzzu Zahra u Michiel' Anglu Zammit.

Mil 10 ta Frar 1753 sat 30 ta Nov. 1756—Is-Sur Guau Schembri—Is-Sur Maruzzu Zahra u is-Sur M. Anglu Zammit.

Mil 1 ta Dic. 1756 sal 25 ta Ott. 1758—Is-Sac. Dun Salv Zammit.

Mis 26 ta Ottubru 1758 sal 10 ta Auissu 1761—Is-Sur Tabib. Andria Schembri u is-Sur Maruzzu Zahra.

Mil 11 ta Auissu 1761 sat 30 ta Dic. 1781—Is-Sac. Dr. Dun Carlu Zammit.

Mil 1 ta Jannar 1782 sal 31 ta Dic. 1783—Is-Sac. Dun Gio Maria Zammit u is-Sur Gio Battista Lanzon.

Mil 1 ta Jannar 1784 sal 31 ta Ottubru 1788—Is-Sac. Dun Carlu Zammit u is-Sur Michiel Galea.

Mil 1 ta Nov. 1788 sal 31 ta Dic. 1811—Is-Sac. Dun Gio Maria Zammit.

Mil 1 ta Jannar 1812 sas 26 ta Marzu 1820—Is-Sur Nutar Franciscu Mamo u il-Luogotenent Giusepp Magro.

Mis 27 ta Marzu 1820 sal 31 ta Dic. 1840—Is-Sur Francisculu Caruana.

Mil 1 ta Jannar 1841 sat 2 ta Settembru 1849—Is-Sac. Dun Vicenz Caruana u is-Sur Francisculu Caruana.

Mit 3 ta Sett. 1849 sas 26 ta Lugliu 1869—Is-Sac. Dun Giusepp Galea.

Mis 27 ta Lugliu 1868 sat 12 ta Settembru 1873—Is-Sac. Dun Francisculu Inguanez.

Mit 13 ta Settembru 1873 sal 11 ta Giugnu 1875—Is-Sur Michiel Caruana.

Mit 12 ta Giugnu 1875 sat 2 ta Frar 1877—Is-Sac. Dun Salv Schembri.

Mit 3 ta Frar 1877 sal 20 ta Marzu 1887—Is-Sur Cappillan Dun Frnciscu Vella.

Mil 21 ta Marzu 1887 sat tmienia ta Jannar 1890—Is-Sac. Dun Laurenz Zammit.

Mid 9 ta Jannar 1890 sat 18 ta Frar 1892—Is-Sac.Dun Alfons Caruana.

Mis 19 ta Frar 1892 sallum—Is-Sac. Dun Laurenz Zammit.

# PROGRAM

## TAL POPOLARI FESTA

# Tal Assunzioni ta Maria Vergini

### FIT-TIELET CENTINARIU TAL EREZIONI

### TAL CNISIA PARROCCHIALI

### TAL IMKABBA.

---

Nhar il Had 14 ta Auissu fit-8 a. m. Lahhar kuddiesa tal quindicina bil cant tat tfal taht id-dirizioni tal organista Giovanni Caruana. Fil ghaxia fl' 4 u 30 p. m. isir it-traslazioni u il ghasar bil musica tas-Sur Mastru Francescu Saveriu Pizzuto. Icconduci il festa il Can ta S. Paul tal Belt Sac. Paulu Mallia. Fit 8 p. m. illuminazioni generali ma ir-rahal collu; zeug bandi musicali idokku programmi sbieh u fil 10 p. m. il giogdifocu.

Nhar Ittnein 15 ta Auissu. Fil 5 u 30 a. m. Matutin solenni bir-responsori a musica tal imsemmi Pizzuto. Fid-9 a. m. tibda il kuddiesa solenni fein ikaddes l' imsemmi Canonicu Mallia. Il Patri Ludovico M. Cappuccin irrecita il Panegiricu. Fil 4: 30 p. m. Isir il ghasar, imbaghad il processioni bl' istatua tal Assunta fein uara tinghata il Benedizioni Sagramentali.

# TIFHIR U TALB LIL SITTNA MARIA VERGINI

Sliem ghalich oh Vergni safia,
Li min Alla geit maħtura,
Sabiex tcuu Omm l'Iben Tighou,
U gharusa l' actar pura.

Iva gharusa l' actar pura !
Ta l' Ispirtu mkaddes tighou,
Ghaliex Lilech Ried Regina
Fil cbir regnu tghammar mighou.

Kalb il cotra min ta l'angli,
Fuk chem huma 'l kaddisin;
Lilec, Ried pħal avucata
Ta l' imseicna midembin.

Lilech, ghazel pħala Torri
Oh cbira ! Vergni Maria,
Sabiex tirbaħ lil ghedeuua
Min tal fidi nisranja.

Lilech, ħatar fost tant ħleijak,
Sabiex taksam id duluri
Ma Gesù fuk il Calvariu,
Sabiex cobor Alla turi.

Ried, bis bich jati esempiu
F'din id dinija lil bnedmin,
Chif għandom isofru id dueijak
Biex insiru kaddisin.

Mel' oh cbira Protettrici
Ta l' Imkabba art kaddisa
Li ghazilt ghal tliet mitt sena
Pħala bintech il ghaziza.

Sabiex tghozzoch geuua dara
Pħal bint, maħbuba Tighech,
Biex tħarisa mid disgrazzii
U tħaddana deijem mighech.

Mela oh cbira Vergni mkadsa
Fuka xerred id daul Tighech
Biex ma ulieda sgur tcun lesta
Lil cbir Alla tfaħħar mighech.

Ta da 't talb fis ati uiden
Tħalliniex ech imbicchja,
Harsa ħelua dauuar fukna,
Sabiex ruħna tcun mħennija:

Ftacar biss li tama cbira
Għandna fich, Vergni Maria,
Li bit talb mkaddes Tighech
Nigiu 'mnaddfa min cul ħtia.

U bla biza niccumbattu
Contra l' ghadu tar ruħ taghna,
U noħorgħu sgur rebbiħa
Ghaliex Int tcun keghda maghna;

Mela fis o Vergni 'mkadsa,
Lilna ghatti bil mant tighech
Sabiex uara din il ħaija,
Ilcol nigiu 'ngaudu mighech;

Dac il premiu muighed mn'Alla
Lil bnedmin ta kalb ħanina,
Li teħlisom scont il kalb tighec,
U inħobbu lilech Regina.

Carmelo M. Camilleri.

Nihil obstat. Die 7 Julii 1898.
Aloisius Can. Farrugia
Cens. Theol.